# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tad-9 t'April 2024**

**Talba nru. 39/2021**

**MARK CARABOTT DAMATO**
**(KI 8477M)**

*VERSUS*

**ANTHONY MONTEBELLO**
**(KI 176050M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fit-8 ta' Frar 2021 (Fol 1 et seq), l-attur talab lill-konvenut sabiex jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf erbhga mija tlieta u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (Eur 1,463.20) rapprezentanti xogholijiet li l-attur ghamel lill-konvenut. Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fl-24 ta' Frar 2022 kif jidher a fol. 10.

Ra illi l-konvenut fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2021 u ipprezenta risposta fid-9 ta' Marzu 2021 (Fol.9) fejn eccepixxa illi l-pretensjonijet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-ammont mhux dovut stante illi x-xogholijiet li saru mill-attur ma sarux skond l-arti u s-sengha u bi hsara ghall-konvenut.

Ra illi l-konvenut ipprezenta kontro talba fejn talab lill-attur sabiex ihallas l-ammont ta' elf tmien mija sebgha u ghoxrin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (Eur 1827.82) f'danni gia likwidati flimkien ma spejjez u imghax.

Ra illi l-attur ipprezenta r-risposta tieghu ghal kontro talba fl-14 t'April 2021, fejn eccepixxa illi x-xoghol mill-attur sar skond l-arti u s-sengha u li mhu dovut l-ebda hlas fil-konfront tal-konvenut.

Sema l-provi.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati.

Sema t-trattazzjoni u ra n-nota ta' sottimissjonijiet tal-konvenut.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel ma dan it-Tribunal jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu fuq it-talba u l-kontro talba ikun utli illi ssir sintezi tal-provi migbura.

Fl-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru 2021, xehed l-attur li spjega illi xogholu huwa ta' Marine Technician fuq dghajjes u qal li lill-konvenut kien ilu jafu ghax kien ga ghamillu xi xoghol qabel. Fuq il-pendenza li hemm bejn il-partijiet, l-attur ighid illi kien ghamel zewg bicciet ta' xoghol, wiehed relatat mal-generator u iehor relatat ma repositioning ta' batteriji. Din ta' l-ahhar kien fiha bicca xoghol.

L-attur ighid illi huwa kien jigbed l-attenzjoni tal-konvenut illi l-generator kellu bzonn service ghax kien qed jishon. Eventawlment l-attur kien ghamel xi xogholijiet ohra riflessi fl-invoice sabiex tigi rimedjata din il-problema fil-generator. L-attur ighid illi ma kienx kuntent bir-rizultat tax-xoghol li kien ghamel u dan ghaliex skond hu kien hemm bzonn ta' iktar xogholijiet.

Wara li pprezenta l-kont lill-konvenut, dan kien qallu illi l-attur kien ikkagunalu hsarat fil-generator. L-ammont mitlub mill-attur jirraprezenta spejjez relatati mal-batteriji u mal-generator. (Fol.22)

Fil-kontro ezami, l-attur ighid illi l-konvenut kien cempillu biex ighidlu li ghandu problema ghaliex il-generator kien qed jishon u l-attur kien ghamel diversi interenti izda ma kien l-ebda miljorament fuq il-generator. L-attur ighid illi l-kagun li l-generator beda jishom seta kien blockage imma dan hu qatt ma seta jinduna bih jekk ma jzarmax il-magna. Izda l-attur qatt ma kellu l-inkarigu sabiex izarma l-magna. Meta l-konvenut kellu l-hsarat, l-attur ma kienx jaf izda sema minghand terzi pesuni li kienet saret hsara kbira. Dan ghaliex, il-konvenut kien qabbad mechanic iehor biex jaghmillu t-tiswijiet.

Xehed ukoll Anthony Aquilina (Fol.30 et seq) li huwa mekkanik u restawratur ghal dawn l-ahhar 36 sena. Il-partijiet huma klijenti tax-xhud. Ix-xhud ighid illi l-istess kimika li kien uza l-attur fuq id-dghajsa tal-konvenut kien uzaha hu wkoll u ma kienetx ghamlet hsara. Fid-darba li x-xhud kien mar jara d-dghajsa tal-konvenut, kien innota illi l-magna ma kienetx qed tahdem sew.

Xehed il-konvenut li qal li meta mar ghand l-attur il-problema kienet illi l-generator beda jintefa. Wara t-tiswijiet li kienu saru mill-attur, il-generator tad-dghajsa tal-konvenut baqa difettuz. Huwa jghid illi l-mechanic il-gdid kien qallu illi kien sab hafna partijiet mizduda li skond il-konvenut kienet gejja mil-likwidu li kien tefa l-attur. Il-konvenut ighid illi ghar-rigward tax-xogholijiet fil-batteriji ma kien hemm l-ebda problema.

Gie ipprezentat affidavit ta' Noel Grech li qal li ghal habta ta' Gunju 2020 kien mar ghandu l-konvenut sabiex jaghmillu xi xogholijiet fil-generator. Sabiex isiru t-tiswijiet, ix-xhud ighid li ma setax jahdem on site izda kellu jzarma kollox. Meta beda jahdem fuq il-magna, x-xhud jghid li sab "*tip ta kimika qisu jelly ta kulur ahmar*. Ix-xhud jghid illi l-hsara saret minhabba t-temperaturi gholja li bdew jintlehqu. Il-generator kien gie finalment irrangat. Sussegwentament, ix-xhud kien

anke dahal bejn il-partijiet sabiex jipprova jsolvi l-pendenza li kien hemm bejnietom rigward hlasijiet u sahansitra kien offra li jnaqqas Eur 200 mill-kont tieghu biex l-attur u l-konvenut isibu t-triq tan-nofs. Ix-xhud jaghlaq billi jghid illi quddiemu l-partijiet kienu ftehmu illi l-attur jithallas Eur 700.

Ix-xhud fil-kontro ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2022 jispjega li kien sab il-generator kien qed jibqa ghaddej u ghaldaqstant lehaq temperaturi gholja. Konsegwenza ta dan l-overheating, l-aluminium imbaram. Ix-xhud jghid ukoll illi l-kimika zgur ma kienetx il-fattur ewlieni ghal hsarat.

Ikkunsidra

Illi din hija kawza fejn l-attur wettaq xogholijiet fuq dghajsa tal-konvenut u dan ta' l-ahhar ma hallasx il-kont ghal dawn it-tiswijiet ghaliex skond hu x-xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha. Min-naha l-ohra, l-konvenut jallega illi kagun li t-tiswijiet ma sarux sknd l-arti u s-sengha huwa sofra danni minhabba li kellu jmur ghand persuna ohra sabiex isiru t-tiswijiet necessarji.

Illi mill-provi migbura, ma hemmx dubju illi l-konvenut mar ghand l-attur sabiex isewwilu problemi li kellu fil-generator tad-dghajsa. L-attur spjega l-processi kollha li ghamel sabiex jipprova jsewwi l-hsara filwaqt illi ma jaqlax il-magna u dan biex izomm l-ispejjez baxxi u ghaliex il-konvenut qatt ma tah il-kunsens biex jaghmel dan.

Illi fuq it-talba ta' l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Noel Grech illi kienet il-persuna li intervjeniet fuq d-dghajsa wara l-attur. Dan ix-xhud spjega li biex jaghmel it-tiswijiet kellu jaqla l-magna. Izda l-aktar punt importanti fix-xhieda tieghu hija meta qal illi l-hsarat gew ikkagunati minhabba li l-generator baqa jahdem ghax ma kienx qed jahdem tajjeb u dan wassal ghal hsarat ulterjuri fid-dghajsa. Ix-xhud jeskludi ghal kollox li l-kimika li kien tefa l-attur kienet il-kagun tal-hsarat.

Illi din ix-xhieda flimkien mal-verzjoni ta' l-attur, mhux kontradetta, illi huwa kien avza lill-konvenut (Fol.23) sabiex ma jafdax il-generator ghaliex ma kienx ghadu jiffunzjona sew, twassal lil dan it-Tribunal sabiex jeskludi ghal kollox it-tezi tal-konvenut, illi l-attur ma wettaqx ix-xoghol tieghu skond l-arti u s-sengha. Minbarra dan kollu, l-konvenut jghid illi fejn jidhlu t-tiswijiet tal-batteriji ma tezisti l-ebda problema.

Illi wara li l-attur kien ghamel it-tiswijiet qatt ma kien sema xejn minghand il-konvenut. Dan ta l-ahhar kien evita li jwiegbu rigward il-kont li kien hemm pendenti u qatt ma infurmah illi kien irriskontra problemi akbar fid-dghajsa. L-attur kien sar jaf tramite terzi persuni illi d-dghajsa rega kellha l-hsara, u kif muri fic-chats prezentati mill-attur, kien hu li saqsa lill-konvenut ghaliex kien ra d-dghajsa wieqfa.

Illi l-konvenut fl-ebda punt ma kkontrasta lill-attur biex ighidlu li wara t-tiswijiet li saru mill-istess attur, huwa rega kellu problemi iktar serji. Minn ta' l-inqas, il-konvenut kellu jinforma lill-attur illi l-generator mhux talli baqa bil-problemi, kif kien avzah l-attur stess, izda li sahansitra kienet saritlu aktar hsara.

Illi rigward il-kontro-talba, l-konvenut ma pprezenta l-ebda prova sabiex jiggustifika l-ammont mitlub minnu. Minkejja dan, kif ga issottolinea t-Tribunal, ix-xhieda ta' Noel Grech hija cara bizzejjed biex teskludi kwalunkwe responsabbilta minn fuq l-attur.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf erbgha mija tlieta u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (Eur 1463.20) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-8 ta' Frar 2021 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali filwaqt li jichad il-kontro-talba tal-konvenut stante illi din ma gietx ippruvata. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur